# 90 Sena ilu:

# It-Traġedja tal-Kamra tan-Nar

Iż-Żejtun qatt ma kien popolari għal-kwantità ta' logħob tan-nar fil-festa ta' Santa Katarina. Dan però ma jfissirx illi ma kienx hawn dilettanti kbar tan-nar u kien hawn ukoll min jaħdmu jew f'xi fabbrika tan-nar ta' post ieħor jew diżgrazzjatament bil-moħbi.

Fl-ewwel snin ta' dan is-seklu, eżattament 90 sena ilu, fl-1904 ġewwa ż-Żejtun kien hawn moviment sħiħ fost iż-żgħażagħ tar-raħal biex ikabbru l-festa permezz ta' aktar logħob tan-nar. Dawn kienu jiltaqgħu ġewwa dar imwarrba fit-tarf ta' Triq Marsaxlokk nru 62.

In-numru tal-voluntiera kien jiżdied l-aktar nhar ta' Sibt u nhar ta' Ħadd.

Kien nhar il-Ħadd l-1 ta' Mejju 1904 meta bħas-soltu numru mhux ħażin ta' dilettanti inġabru biex ikomplu bix-xogħol tagħhom. Ħafna minnhom hekk kif daqqet il-quddiesa ta' l-10:00 am telqu lejn il-knisja biex jisimgħu l-quddiesa filwaqt illi sitt żgħażagħ baqgħu fil-kamra jaħdmu. Kien għal ħabta ta' l-10:30 am meta splużżjoni qawwija regħdet lir-raħal. Kienet taret il-kamra tan-nar u ndarbu sejament dawk is-sitt żgħażagħ illi kienu hemm ġew. Dawn kienu:-



Il-Kamra tan-nar kif tinsab illum fit-tarf ta' Triq Marsaxlokk.



Paci u mistrieh etern
Lil imseicnin zghazah
CARMNU MIFSUD
MICHIEL SPITERI
MABBLI MIFSUD
ANGLU BRINCAT
CENSU MIFSUD
Li fid-disgrazia li tuahhax
Li grat iz-Zeitun
Fl' 1 ta Mejiu 1904
Kalb l' ictar horox turmenti
Tilfu il hajia tahhom
Mibchiin min culhadd
*Gesù colloc hniena, alighom il mistrieh ta dejem.*
*(Ind. 7 snin u 7 quar.)*

Santa tifkira tal-ħames vittmi li mietu fit-traġedja.



*Il-funeral ta' wieħed mill-vittmi jibda minn tarf ta' Triq Santa Katarina għall-knisja parrokkjali. Fuq qudiem tmexxi l-funeral tidher il-banda Beland.*

**Carmelo Mifsud** ta' 19-il sena iben Alessio tar-Ruħ, **Mikiel Spiteri** ta' 19 ukoll iben Rużarju tal-Katutu, **Mabbli Mifsud** ta' 16, iben Anġlu tal-Faċċiol, **Anġlu Brincat** ta' 21 sena iben Santo ta' Santu, **Carmelo Caruana** ta' 20 sena iben Ġużeppi ta' l-Andar u **Vincenzo Mifsud** ta' 18 iben Karmnu tal-Bongio. Dawn kienu kollha membri jew partitarji tal-Każin Beland.

Malajr xterdet l-aħbar tat-traġedja u kemm in-nies kif ukoll il-pulizija ġrew għal fuq il-post tat-traġedja. Magħhom marru fuq il-post ukoll Dr. E. Cannataci li kien id-DMO taż-Żejtun kif ukoll Dr. Clo. Borg id-DMO ta' Ħaż-Żabbar. Mill-ewwel bdiet ħidma intensiva sabiex jinħarġu l-vittmi u hekk kif dan sar dawn ġew meħuda mill-ewwel fil-għassa tal-pulizija taż-Żejtun fuq ordni ta' l-istess Dr. Cannataci sabiex jingħataw l-għajnuna u l-kura meħtieġa. Ftit wara laħaq wasal ukoll il-Maġistrat Dr. Gius Falzon li mill-ewwel ordna illi jittieħdu l-Isptar Ċentrali. Jakkompanjawhom sa l-Isptar marru il-pulizija Anġlu Camilleri, Anthony Dalli, G.M. Mifsud u L. Muscat. Però l-isplużjoni tant kienet qawwija illi ħamsa mill-midruba sfaw vittmi. Carmelo Mifsud miet fi triqtu lejn l-isptar, Mikiel Spiteri miet eżatt kif wasal l-isptar filwat li Mabbli Mifsud miet l-għada t-Tnejn 2 ta' Mejju u Anġlu Brincat u Vincenzo Mifsud mietu it-Tlieta 3 ta' Mejju. Kienet traġedja illi bikkmet lil kulħadd. Il-funeral tal-vittmi sar ġewwa ż-Żejtun akkumpanjati mil-kleru u mill-poplu Żejtuni kollu flimkien mal-Banda Beland (Ara ritratti). Il-banda Beland mexxiet il-funerali mit-tarf ta' Triq Santa Katarina sal-knisja parrokkjali u wara mill-

knisja saċ-ċimiterju ta' San Girgor. Il-funerali saru wieħed kuljum dejjem akkumpanjati mill-Banda Beland.

Iż-żagħżugħ il rnexxielu jeħlisha minn ħalq il-mewt, i.e. Carmelo Caruana ġie interrogat mill-Maġistrat Falzon bħala parti mill-inkjesta. L-istess Maġistrat kien ordna illi parti mill-bini illi kienet fi stat perikoluż għannies tiġi mwaqqa', filwaqt illi minn fuq il-post tat-traġedja l-istess Maġistrat issekwestra kaxxa mimlija bi trab abjad, pakkett mimli bi trab isfar u pakett ieħor bi trab iswed fih. Dawn intbagħtu għand Dr. Allessandro Sultana biex jiġu eżaminat fil-laboratorju.

Eku ta' din it-traġedja ġara sentejn wara. Dak iż-żmien Dun Feliċ Micallef kien il-prokuratur tal-knisja parrokjali. Kien saċerdot ħabrieki u tajjeb illi nirrimarkaw illi fi żmienu saru ħafna mill-opri l-kbar illi jżejjnu l-knisja tagħna. Ix-xjuħ tagħna qalulna illi Dun Feliċ miet bil-għali ta' din it-traġedja fl-eta żgħira ta' 36 sena. Dan ġara nhar is-26 ta' Lulju 1906. Mro. Carlo Diacono ikkompona marċ funebru b'dedika lil Dun Feliċ illi kien midħla sewwa tal-każin tagħna. L-istess għamel Mro. Antonio Miruzzi meta kkompona wieħed mill-isbaħ marci funebri tiegħu u ddedikah 'Lill-vittmi tan-Nar'.

Din it-tifkira għandha sservi mhux biss biex niftakru fihom fit-talb tagħna imma wkoll ta' twiddiba sabiex ma nessaġerawx u ma nabbużawx bil-logħob tan-nar.

Fl-aħħarnett issa illi għandna l-kunsil Lokali nixtieq nissuġġerixxu illi tissemma triq bħala tifkira ta' dawn il-ħames vittmi ta' 90 sena ilu.



*Ritratt ta' funeral ta' vittma ieħor għaddej minn Triq San Girgor lejn iċ-ċimiterju ta' San Girgor għad-difna. Il-Banda Beland tidher fuq quddiem akkumpanjata minn folla ta' nies. (Ġentilment misluf mill-kumitat Circolo Musicale Sta. Caterina Żejtun).*

(Ħajr lis-Sur C. Baldacchino tar-ritratti u l-għajnuna fir-riċerka.)